

Brussell, 5 ta' Diċembru 2022
(OR. en)

15476/22

LIMITE

IPCR 113
AG 146
RELEX 1629
JAI 1597
PROCIV 146
CSDP/PSDC 841
COCON 60
HYBRID 112
SAN 639
MI 890
CYBER 392

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Pjan direzzjonali dwar it-tiżiħ tal-antiċipazzjoni tal-kriżijiet u t-tħejjija u r-rispons għalihom fil-Kunsill - Approvazzjoni

1. L-AHWP Reżiljenza ltaqa' fis-26 ta' Settembru, it-28 ta' Ottubru, u l-5 ta' Diċembru 2022 u ddiskuta abbozzi suċċessivi ta' abbozz ta' pjan direzzjonali dwar it-tiżiħ tal-antiċipazzjoni tal-kriżijiet u t-tħejjija u r-rispons għalihom fil-Kunsill.
2. Bi tweġiba għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2021, il-pjan direzzjonali huwa l-ewwel pass biex jitjeb il-ġestjoni transsettorjali u transkonfinali ta' kriżijiet fil-Kunsill, inkluż l-analiżi tar-riskju u l-prospettiva strateġika għal azzjoni antiċipatorja, prevenzjoni, tħejjija u rispons aħjar, f'approċċ li jkopri l-perikli kollha.
3. Fil-laqgħa tiegħu tal-5 ta' Diċembru, l-AHWP Reżiljenza ffinalizza l-abbozz tal-pjan direzzjonali fl-Anness.
4. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda lill-Kunsill japprova l-pjan direzzjonali, bħala bażi biex tavvanza l-ħidma.

Abbozz ta' pjan direzzjonali dwar it-tisħiħ tal-antiċipazzjoni tal-kriżijiet u t-tħejjija u r-rispons għalihom fil-Kunsill

Bħalissa l-UE qed tiffaċċa ħafna theddid u sfidi (il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-migrazzjoni, il-kriżi tal-enerġija, il-pandemija tal-COVID-19 u theddid ieħor relatat mas-saħħa) li huma transkonfinali, kumplessi u li għandhom impatti serji fuq l-Istati Membri individwali kif ukoll fuq l-UE kollha kemm hi.

Sabiex inkunu ppreparati aħjar għal kriżijiet transkonfinali u transsettorjali futuri, jeħtieġ li nevalwaw u ntejbu kontinwament it-tħejjija u r-rispons tagħna għall-kriżijiet u nsaħħu l-ġestjoni ta' kriżijiet u l-kooperazzjoni fil-livell tal-UE.

Wara l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tat-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza adottati fit-23 ta' Novembru 2021, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew adottati fis-16 ta' Diċembru 2021 u wara r-rapport tal-Presidenza Franċiża dwar it-tħejjija, ir-rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri, il-Presidenza tqis li huwa meħtieġ li jinbeda proċess sistematiku biex jiġi evalwat u mtejjeb ir-rwol tal-Kunsill fil-ġestjoni ta' kriżijiet tal-UE.

Il-Presidenza tapprezza l-isforzi kemm tal-Presidenza Slovena kif ukoll dik Franċiża, kif ukoll il-ħidma tat-13-il Stat Membru li ppubblikaw b'mod konġunt Kontribut għall-Pjan Direzzjonali dwar it-tisħiħ tal-ġestjoni ta' kriżijiet tal-UE, u l-Ġermanja, li ppubblikat id-dokument informali tagħha dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni transkonfinali.

Abbażi tad-diskussjonijiet li saru fil-Grupp ta' Ħidma Ad Hoc dwar it-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri, il-pass li jmiss għandu jkun it-tħejjija ta' pjan direzzjonali li ser jipproponi approċċ gradwali għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġestjoni ta' kriżijiet fl-UE, filwaqt li jiġu evitati d-duplikazzjoni u l-piż amministrattiv, u mingħajr preġudizzju għall-eżitu tad-diskussjonijiet sussegwenti.

Dan il-Pjan Direzzjonali għalhekk jibda proċess u jipproponi sekwenza ta' kompiti, li wħud minnhom jistgħu jiġu indirizzati b'mod parallel. Id-diskussjoni wiesgħa dwar il-kompiti individwali u l-implimentazzjoni konkreta tagħhom ser tkun f'idejn Presidenzi suċċessivi bħala parti minn proċess aktar fit-tul. Koordinazzjoni tajba ser tkun kruċjali.

Il-Pjan Direzzjonali huwa mfassal biex jibda b'aġġornament immirat tal-Proċeduri Operattivi Standard (SOPs) tal-IPCR, u jaġġornahom abbażi tal-esperjenza miksuba matul l-aħħar snin, fejn dan jidher meħtieġ, inkluż it-tisħiħ tal-faċilità tal-użu tagħhom, u ż-żieda tal-proċedura għat-tnaqqis tat-tensjoni tal-IPCR. Il-pass li jmiss huwa l-immappjar tal-korpi u l-istrumenti eżistenti għall-kriżijiet fil-livell tal-UE. Dan l-immappjar ser iservi bħala bażi għal analiżi li ser tiżvela duplikazzjonijiet u lakuni fis-sistema u ser tgħin biex jiġu evitati d-duplikazzjonijiet.

Ladarba titlesta din l-analiżi, il-pass li jmiss ser ikun diskussjoni u deċiżjoni dwar fejn fil-Kunsill jistgħu jsiru d-diskussjoni u l-implimentazzjoni ulterjuri tal-Pjan Direzzjonali. Ser tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li korpi eżistenti tal-Kunsill jiġi inkarigat b'din il-ħidma.

Il-forum magħżul imbagħad ser jintuża biex jitlestew aktar kompiti ta' segwitu, bħal sforzi biex tissaħħaħ it-tħejjija tal-UE għall-kriżijiet, biex tissaħħaħ il-koordinazzjoni fil-livell strateġiku/politiku bejn il-Kunsill/l-IPCR u l-istrutturi nazzjonali għall-ġestjoni ta' kriżijiet jew aġġornament rikorrenti tal-SOPs tal-IPCR.

Waħda mir-raġunijiet li jeħtieġ li jinstab dan il-forum hija l-għadd ta' kompiti rikorrenti li jeħtieġ li jiġu indirizzati fuq bażi regolari, eż. rieżami u aġġornament regolari tal-Programm ta' Tħejjija tal-IPCR jew tagħlimiet perjodiċi meħuda mill-eżerċizzji ta' maniġġar ta' kriżijiet tal-UE/NATO, inkluż l-implimentazzjoni tagħhom.

Bi tweġiba għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2021, il-pjan direzzjonali huwa l-ewwel pass biex titjeb il-ġestjoni transsettorjali u transkonfinali tal-kriżijiet, inkluż l-analiżi tar-riskju u l-prospettiva strateġika għal azzjoni antiċipatorja, il-prevenzjoni, it-tħejjija u r-rispons aħjar, f'approċċ li jkopri l-perikli kollha, u pedament li fuqu l-Presidenzi futuri ser jibnu u possibbilment jespandu b'kompiti oħra f'każ li jitqiesu meħtieġa. Il-kisba tal-oġġettivi kollha tista' tkun proċess fit-tul. Madankollu, il-pjan direzzjonali attwali jikkostitwixxi strument essenzjali għal ħidma kontinwa u sistematika biex l-UE ssir aktar reżiljenti u mħejjija għall-kriżijiet futuri.

Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-pjan direzzjonali, il-Presidenza tenfasizza n-natura flessibbli tiegħu u tipproponi l-evalwazzjoni u r-rieżami regolari tiegħu, pereżempju fil-forma ta' Rapport ta' Progress tal-Presidenza fi tmiem kull sena kalendarja.

Kompiti ewlenin

	Objettivi	Azzjoni jiet	Partijiet ikkonċernati	Forum	Perjodu ta' żmien
1	Jiġu żgurati rwoli u responsabbiltajiet ċari fl-operat ta' kuljum tal-mekkaniżmu tal-IPCR	L-aġġornament tal-Proċeduri Operattivi Standard tal-IPCR tal-2015 ¹ , kif meħtieġ	Il-Presidenza/SĠK, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-SEAE	Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar it-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri	Perjodu qasir (Madwar sitt xhur)
2	L-istabbiliment ta' proċeduri għat-tnaqqis tal-eskalazzjoni tal-attivazzjonijiet tal-IPCR	Il-qbil dwar proċeduri għar-rieżami u d-deċiżjoni possibbli biex attivazzjoni sħiħa tal-IPCR titnaqqas għall-modalità ta' kondiviżjoni tal-informazzjoni, jew biex l-arranġamenti tal-IPCR jiġu diżattivati kompletament għal attivazzjoni speċifika	Presidenza/SĠK, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri	Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar it-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri. <i>(fil-kuntest ta' diskussjoni dwar l-aġġornament tal-SOPs tal-IPCR)</i>	Perjodu qasir (Madwar sitt xhur)

¹ ST 12607/15

3	Ħarsa ġenerali lejn l-għodod, il-mekkaniżmi u l-mandati eżistenti	L-immappjar tal-għodod eżistenti għall-ġestjoni tal-kriżijiet u d-diżastri u l-mekkaniżmi ta' kriżi fil-livell tal-UE, kif ukoll dawk li qed jiġu żviluppati, u l-mandati tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Kunsill fir-rigward tat-tħejjija, il-ġestjoni ta' kriżijiet, u r-reżiljenza sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tal-mandati u l-kompetizzjoni bejn u fi ħdan l-istituzzjonijiet tal-UE	Kummissjoni, SEAE u SĠK	Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar it-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri	Perjodu qasir (Madwar sitt xhur)
4	It-twetiq ta' analiżi tal-lakuni u d-duplikazzjoni	Ser tiġi diskussa l-analiżi tar-riżultati tal-immappjar (il-punt 3)	Il-Presidenza/SĠK, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-SEAE	Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar it-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri	Perjodu qasir (Madwar sitt xhur)
5	It-tkomplija tal-ħidma matul is-semetru li jmiss fil-Grupp ta' Ħidma Ad hoc dwar it-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri, inkluż id-diskussjoni dwar fejn fil-Kunsill jista' jkompli d-dibattitu	Abbażi tar-riżultati tal-immappjar u tal-analiżi (il-punti 3 u 4), jiddiskutu fejn ikun xieraq li jiġu indirizzati l-kompiti fit-tul u rikorrenti li jirriżultaw minn dan il-pjan direzzjonali	Il-Presidenza f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, appoġġata mis-SĠK	Grupp ta' Ħidma ad hoc dwar it-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri	Perjodu qasir (Madwar sitt xhur)

6a	It-tisħiħ tal-kooperazzjoni transkonfinali fl-UE fil-qasam tat-tħejjija u r-rispons għall-kriżijiet	a) L-analiżi tal-isfidi speċifiċi li jaffaċċaw il-komunitajiet transkonfinali matul il-pandemija tal-COVID-19 u emerġenzi kbar oħra; l-evitar tad-duplikazzjoni u ħidma li tirkeb fuq oħra. b) L-iżvilupp ta' proċeduri u strumenti ta' appoġġ kif xieraq	Il-Presidenza/SĠK, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri u l-Kummissjoni	Jeħtieġ li jinstab forum tal-Kunsill	Perjodu twil (Minn sitta sa 12-il xahar)
6b	It-tisħiħ u t-titjib tal-koordinazzjoni dwar id-dimensjoni esterna tar-reżiljenza u l-kooperazzjoni dwar il-ġestjoni ta' kriżijiet ma' sħab internazzjonali u pajjiżi terzi, b'mod partikolari fil-viċinat tal-UE	L-esplorazzjoni ta' possibbiltajiet ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, inkluż eżerċizzji konġunti	Il-Presidenza/SĠK, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni u s-SEAE	Jeħtieġ li jinstab forum tal-Kunsill, b'kont meħud tal-kompetenzi tal-gruppi ta' ħidma eżistenti dwar ir-relazzjonijiet esterni	Perjodu twil (Minn sitta sa 12-il xahar)

7	Ilkompli jiġi kkunsidrat kif jistgħu jiġu involuti aħjar l-istrutturi nazzjonali ta' ġestjoni tal-kriżijiet, skont ir-regoli u l-proċeduri tal-Kunsill	Diskussjoni tal-involviment ta' strutturi nazzjonali ta' ġestjoni ta' kriżijiet f'konformità mal-paragrafu 15 tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2021 dwar it-tisħiħ tat-tħejjija, il-kapaċità ta' rispons u r-reżiljenza għal kriżijiet futuri.	Presidenza/SĠK/Stati Membri	Jeħtieġ li jinstab forum tal-Kunsill	Perjodu qasir (Madwar sitt xhur)
8	It-tisħiħ tal-kapaċità tal-Kunsill li jirrispondi b'mod adegwat u rapidu fil-livell politiku tal-Unjoni għall-kriżijiet billi jiġu rieżaminati l-miżuri ta' tħejjija eżistenti	L-aġġornament tal-Politika dwar l-Istat ta' Tħejjija tal-IPCR ² , wara l-analiżi (punt 4), kif meħtieġ	SĠK, f'koordinazzjoni mal-Presidenza u l-Istati Membri	Jeħtieġ li jinstab forum tal-Kunsill	Perjodu twil (Minn sitta sa 12-il xahar)

² ST 10031/19

Kompiti rikorrenti

	Objettivi	Azzjonijiet	Partijiet ikkonċernati	Forum	Perjodu ta' żmien
9	L-antiċipazzjoni u l-previżjoni ta' identifikazzjoni bikrija ta' avvenimenti ta' kriżi potenzjali qabel ma jeskalaw għal livell sinifikanti jew qabel ma jseħħu	L-issoktar u t-tkomplija tal-attivitajiet tan- Network tal-Analiżi tal-Prospettivi (HSN) fuq bażi volontarja, f'konformità mal-Politika dwar l-Istat ta' Thejġija tal- IPCR	Is-SĠK, b'kontributi mill-Istati Membri, il-KUMM, is-SEAE u l-aġenziji tal-UE	Network tal-Analiżi tal-Prospettivi	Kif meħtieġ
10	It-tisħiħ tal-komunikazzjoni strateġika u f'każ ta' kriżi u r-rispons għad-diżinformazzjoni	L-indirizzar tal-aspetti tal-komunikazzjoni f'każ ta' kriżi u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki fir-rispons għall-kriżijiet u d-diżinformazzjoni fil-livell tal-UE	L-Istati Membri, appoġġati mis-SĠK (b'kontribut tal-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti tal-UE)	Network ta' Komunikaturi f'Każ ta' Kriżi	Kif meħtieġ
11	Tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti tal-programm ta' thejġija tal-IPCR skont l-arranġamenti tal-IPCR	Ir-rieżami u l-aġġornament tal-Programm ta' Thejġija tal-IPCR ³ għal ċiklu mġedded ta' 18-il xahar	Is-SĠK, f'koordinazzjoni mal-Presidenza u l-Istati Membri	Jeħtieġ li jinstab forum tal-Kunsill	Rikorrenti (rapporti ta' progress u rieżamijiet regolari)

³ ST 14939/19, WK 12689/2020

12	It-tisħiħ tar-rispons u t-tħejjija tal-UE għall-kriżijiet, kif ukoll il-proċess u l-kapaċitajiet tal-IPCR, billi jittieħdu t-tagħlimiet meħuda mill-attivazzjonijiet tal-IPCR f'konformità mad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l-IPCR (artikolu 12)	It-tweqqi ta' eżerċizzji perjodiċi ta' tagħlimiet meħuda minn attivazzjonijiet reċenti tal-IPCR, inkluż l-implimentazzjoni tat-tagħlimiet identifikati	Il-Presidenza/SĠK, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, il-KUMM, is-SEAE u l-aġenziji tal-UE	Jeħtieġ li jinstab forum tal-Kunsill	Kif meħtieġ
13	It-tisħiħ tar-rispons u t-tħejjija tal-UE għall-kriżijiet billi jittieħdu t-tagħlimiet meħuda minn eżerċizzji ta' ġestjoni ta' kriżijiet transsettorjali u ċivili-militari, mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-korpi preparatorji eżistenti tal-Kunsill	It-tweqqi ta' tagħlimiet perjodiċi meħuda minn eżerċizzji ta' ġestjoni ta' kriżijiet tal-UE u nazzjonali jew eżerċizzji f'kooperazzjoni man-NATO, inkluż l-implimentazzjoni tat-tagħlimiet identifikati	Is-SĠK, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, il-KUMM, is-SEAE u l-aġenziji tal-UE	Jeħtieġ li jinstab forum tal-Kunsill	Kif meħtieġ (marbut mal-eżerċizzji mwettqa)
14	Jiġi żgurat li l-Proċeduri Operattivi Standard tal-IPCR ikunu aġġornati u adatti għall-iskop tagħhom	Ir-rieżami u l-aġġornament tal-Proċeduri Operattivi Standard tal-IPCR kif meħtieġ	Il-Presidenza/SĠK, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri u l-Kummissjoni	Jeħtieġ li jinstab forum tal-Kunsill	Kif meħtieġ

15a	It-tisħiħ tas-sigurtà tal-pjattaforma web tal-IPCR	Il-verifika tas-sigurtà u testijiet ta' penetrazzjoni minn awdituri interni u esterni	Is-SĠK	Jeħtieġ li jinstab forum tal-Kunsill ²	Rikorrenti (Skennjar bażiku regolari mwettaq bħala rutina normali fuq bażi ta' kull ġimgħa; skennjar fil-fond fuq talba għandu jiġi ppjanat regolarment)
15b	It-tisħiħ tal-faċilità ta' użu tal-pjattaforma web tal-IPCR	Il-valutazzjoni tal-funzjonalitajiet tal-pjattaforma web tal-IPCR u t-titjib tal-faċilità ta' użu tagħha permezz ta' għodod u tekniki differenti.	Is-SĠK, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, il-KUMM, is-SEAE u l-aġenziji tal-UE	Jeħtieġ li jinstab forum tal-Kunsill	Rikorrenti (Rapporti ta' progress u rieżamijiet regolari)
15c	Jiġi kkunsidrat l-ġhoti ta' aċċess għall-pjattaforma web tal-IPCR lill-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen	Il-Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen bħalissa jipparteċipaw fi kważi kull diskussjoni madwar mejda, iżda ma għandhomx aċċess għall-pjattaforma tal-IPCR; għandha ssir diskussjoni dwar dan is-suġġett	Is-SĠK, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri, il-KUMM u s-SEAE, għall-approvazzjoni mill-Kunsill	Jeħtieġ li jinstab forum tal-Kunsill	

16	Jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati kollha jifhmu l-oġġettivi tal-IPCR li jappoġġa r-rispons effettiv għal kriżijiet, u r-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom u dawk ta' partijiet ikkonċernati oħra fl-appoġġ ta' dawn l-oġġettivi	Ir-reviżjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Taħriġ tal-IPCR għall-Awtoritajiet ta' Ġestjoni u Validazzjoni, il-Punti ta' Kuntatt tal-IPCR, is-servizzi tal-Kummissjoni fid-dawl tal-funzjoni ewlenija tal-ISAA, l-Istati Membri, ir-rappreżentanti li jappoġġaw id-Diskussjonijiet madwar mejda tal-IPCR, il-Presidenzi li jmiss	Is-SĠK (imexxi); il-partijiet ikkonċernati kollha tal-IPCR	mhux applikabbli	Rikorrenti
----	--	---	--	------------------	------------